MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 2353/2003

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Joseph Mifsud u l-istess Joseph Mifsud**

**Vs**

**James Grima**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Novembru 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut hallas is-somma ta' Lm621.64 (sitt mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu) dovuti ghall-danni ikkawzati f'incident awtomobilistiku.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Prevja li tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li gara fi Triq l-Imhallef Harding, Pembroke fl-20 ta' Mejju 2002, li fiha kienu

involuti il-vettura LUK005 propjeta` tal-attur Joseph Mifsud, u l-vettura FAW345 misjuqa mill-konvenut, u dan stante li l-incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitt mija wiehed u ghoxrin lira Maltija u erbgha u sittin centezmu (Lm621.64) rappresentanti danni sofferti u spejjez inkorsi mill-atturi in konnessjoni u bhala kagun kagun tal-incident premess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali interpellatorja u ta' dik kontestwalment mibghuta ma dan l-avviz a tenur tal-Kap 104, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali kontra il-konvenut li hu minn issa ingutn ghas-subbizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
1. Illi dan it-Tribunal ghandu jiddeciedi li kull sentenza kontra l-konvneut u li ssoltu tkun ezegwibbli kontra s-socjeta` intervenuta qua assikurattrici tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAW345 ai termini ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hijiex fil-kaz prezenti ezegwibbli kontra l-intervenuta fil-kawza;

2. Illi dan qed jintalab minhabba illi l-polza ta' l-assikurazzjoni mahruga mis-socjeta` intervenuta fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAW 345 kienet tkopri biss sewwieqa li jkollhom, jew li xi darba kellhom, licenzja valida tas-sewqan – mentri fil-kaz prezenti il-konvenut qatt ma kellu licenzja tas-sewqan, u kwindi id-disposizzjonijiet tal-Kap. 104 huma inapplikabbli, hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra r-rikors tas-socjeta` intervenuta fil-kawza Gasan Mamo Insurance Ltd fejn jesponu bir-rispett;

Illi fid-data ta' l-incident in kwistjoni kien hemm polza ta' l-assikurazzjoni valida mahruga mis-socjeta` esponenti

f'isem il-konvenut James Grima u rigwardanti l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAW 345;

Illi ma jirrizultax illi l-konvenut qatt ma kellu licenzja tas-sewqan, u ghaldaqstant huwa la seta` jsuq il-vetttura in kwistjoni, u wisq anqas ma seta` qatt jibbenifika mill-polza ta' l-assikurazzjoni mahruga mis-socjeta` esponenti f'kaz fejn huwa nnifsu kkawza (jew seta` kkawza), danni lil terzi;

Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 25 ta' Novembru, 2003, is-socjeta` attrici interpellat lis-socjeta` esponenti sabiex tindennizza lill-istess socjeta` attrici ai termini ta' l-Artikolu 10 tal-Kap 104 – u dana f'kaz illi l-konvenut jigi kkundannat minn dan it-Tribunal sabiex ihallas kwalunkwe somma ta' danni lill-atturi;

Illi l-esponenti ghandhom kull interess illi s-suespost jigi ppruvat quddiem dan it-Tribunal, u li kwalunkwe decizjoni ta' dan it-Tribunal tkun ezegwibbli esklussivant kontra l-konvenut u mhux kontra s-socjeta` esponenti, u jixtieqy jgibu l-provi f'dan is-sens;

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet suesposti is-socjeta` esponenti titlob bir-rispett lil dan it-Tribunal joghgbu jawtorizza lis-socjeta` GasanMamo Insurance Limited sabiex tintervjeni fil-kawza odjerna *in statu et terminis* u tithalla tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha f'terminu stabbilit minn dan it-Tribunal, u li jordna kull provediment iehor li jidhirlu xieraq fic-cirkostanzi.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi jibda biex jinghad li fil-konfront tal-konvenut il-kawza ghaddiet in gjudikat in forza ta Kapitolu ta' subizzjoni u sentenza moghtija artikolu 7[ta`] Dicembru 2004.

Jibqa' li jigi deciz il-pretensjoni tas-socjeta assiguratrici tal-vettura misjuqa mill-konvenut odjernament intervenuta fil-kawza. Dina qed tippretendi li ma ghadhiex taghmel tajjeb ghall-istess eventwali danni in vista li l-assigurat

taghha, l-odjern konvenut, naqas li jinformaha meta assigura l-vettura tieghu li ma kellux licenzja tas-sewqan.

Ai termini tal-Kap 104- Att dwar Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Muturi ghar-riskji ta' Terzi Persuni- ghandha tigi prezentata ittra ufficjali kontra socjeta’ assiguratrici biex tigi nformata dwar inizjar ta' proceduri civili ghar-risarciment ta' danni ( Art 10(2)(a). Skond l-Art 10(1), dik is-sentenza tkun ezegwibbli kontra s-socjeta’ assiguratrici.

Is-socjeta’ intervenuta fil-kawza qed tippretendi illi, ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni mahruga lill konvenut, hija nulla u invalida stante li huwa naqas li jinfurmahom li ma kellux licenzja. In oltre din ma kienetx ser tkopri l-incident peress kien qed isuq meta ma kellux kopertura assigurativa valida.

Illi ma jirrizultax lit-Tribunal li giet adoperata l-procedura ai termini tal-Art 10(2) (3) biex tigi annullata l-polza. Gie prodott Claims Officer li xehed dwar is-segwenza tal-fatti. Lanqas ma gew prodotti l-ahjar provi kien jipprovaw l-pretenzjoni taghha.

Illi aktar minn hekk l-Atti XXX/2002 u A.L 92/2004 introducew klawsola tassattiva li tolqot il-pretenzjoni attrici u dana b'effett mill- 1ta' Marzu 2004. L-Art 12- li jittratta dwar nullita' ta restrizzjonijiet dwar l-iskop tal-poloz u ta' kuntratti ta' li jirrestringu fir-responsabbilta, gie mizjud b'zewg klawzoli ohra nru 3 u 4. Di fatti l-Art 12(3)(b) tinvalida eskluzjoni ta dmir ta' pagament lit-terz mhabba li l-persuna sewwieqa ma ghandiex licenzja. Il-ligi stess qed tannulla l-oggezzjoni tas-socjeta’ intervenuta fil-kawza.

Illi l-ammont tad-danni ma gewx kontestati u qed jigu akkordati.

Illi t-Tribunal, limitatament ghat-talba tas-socjeta’ assiguratrici intervenuta fil-kawza, jiddeciedi illi jichad sia l-ewwel u sia t-tieni eccezjoni taghha, salv kull drittijiet taghha si et quatenus kontra l-istess konvenut assigurat taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------